Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 207 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Trevor Micallef

Vs

Dennis Zammit

Illum 3 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Elton John Zammit prezenta fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-10 ta' Lulju 2019 fejn stqarr is-segwenti:-

*"Illi l-akkuzat Dennis Zammit kien gie imressaq quddiem l-Onorabbli Qorti tal Magistrati (Malta) bhala Gudikatura Kriinali u akkuzat b'diversi akkuzi fis-seduta tas-27 ta' MArzu 2018 liema kawza kienet tinsab differita ghas-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 diversament preseduta mill-Onor. Mag. Dr Astrid May Grima*

*Illi l-esponenti iggarantilu wahda mill-kundizzjonijiet tal-koncessjoni tal-libert provisorja tieghu billi ddeposita s-somma ta' hamest elef euro ( e5,000) fir-registru ta' dik l-Onorabbli Qorti cedola numru 104/2018 ricevuta numru 94650.*

*Illi fis-27 ta' Mejju 2019 gie przentat mill-esponent rikors ghar revoke tal-garanzija minnu depositata liema rikors gie appuntat ghas-smiegh ghs-seduta tla-14 ta' Gunju 2019 quddiem l-istess Onor Mag Dr Astrid May Grima.*

*Illi l-imputat Dennis Zammit gie imressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Gunju, 2019 pero diversament preseduta mill-Onor Mag Dr Charmaine Galea Zammit u gie akkuzat talli fit-12 ta' Gunju, 2019 u gimghat u xhur precedenti huwa kiser wiehed mill-kundizzjonijiet imposti fuqu ghal helsien mill-arrest ai termini ta' l-artikolu 579(!) tal –kap 9 tal-ligjiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi revokat lilu l-helsien mill-arrst, jerga jigi re arrestat u s-somma indikata fl-obbligazzjoni tghaddi a favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579(2) tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-Onorabbli Qorti fl-istess seduta sabet lil Dennis Zamit hati tl akkuzi migjuba kontra tieghu u ordnat li jerga jigi arrestat u t-telf tal- garanzija ta' pekunjarja tintilef favur l- Gvern ta' Malta.*

*Illi l-akkuzat hass ruhu aggravate b'dik id-deisjoni u interpona l-umli appell qieghu quddiem din il-Qorti tal Appelli Kriminali.*

*Illi l-fati fil-qosor kieu s-segwenti.*

*Illi l-akkuzat Dennis Zammit talab li l huh odjern l-esponenti sabei xikun jottjeni ghal liberta provisorja ist diversi kundizzjonijiet. Huwa gie ordnat li jiddeposita s-somma ta' hames elef euro ( e5,000) liema depositu sar mill-esponenti f'ismu u minn butu. Il flus li gew konnfiskati mil-Gvern ta' Malta huma perjeni lilu u mhus f'isem l-akkuzat.*

*Illi l-aggravju soffert mill-esponent jikkonsisti filli l-pregudizzju qed jigi soffert unikament minnu. Din l-informazzjoni kienet kollha a konjizzjoni tal-Prosekuzzjoni multo magis meta l-ghada ta' dik il-gurnata specifika l-istess akkuzat kellu seduta tal-kawza tieghu u r-rikors tal-esponent biex jirtira r-rikors tal-plegg kien appuntat fl-istess seduta.*

*Illi l-inqas li setghet ghamlet l-prosekuzzjoni kien illi tressaq lill-istess akkuzat dakinhar tas-seduta ossia l-ghada tal-gurnata fatalistika sabiex ir-rikors tal-esponent jigi trattat fl-istess seduta.*

*Illi dik is-sentenza kif deciza u kif trattat l-istess kawza minghajr ma l-esponent gie involut tmur kontra id-drittijiet ta' smiegh xieraq a favur tal-esponent. Ghalhekk l-esponent qed jipprezenta dan ir-rikors sabiex jigi mismuh, trattat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-istess appell tal-akkuzat."*

Ghalhekk talab lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha tvarja dik il-parti tas-sentenza billi tirrevoka fejn giet konfiskata s-somma ta' depositu tal-plegg maghmul mill-esponenti u

dana fis-sens li l-istess somma tigi liberata favur tal-esponenti u dan taht kul provvediment li ighobobha tamponi.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2019.

Ikkunsdrat,

Illi din il-Qorti kelha diffikolta kbira tipprova tgharaf in-natura tar-rikors mertu ta' din is-sentenza u cioe jekk kienx rikors ta' appell jew jekk kienx rikors kwalunkwue iehor b'talba ad hoc. Jinghad li dan ir-rikros ghandu il-forma ta' rikors ta' appell maghmul ai fini tal-artikolu 419 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi is-segwenti:-

*419.(1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, -*

*(a) il-fatti fil-qosor;*

*b) ir-raġunijiet tal-appell;*

*(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri*

Illi ir-rikros odjern fih dawn it-tlett elementi u cioe' l- fatti fil-qosor u dawn jinsabu fl-ewwel u t-tieni faccata tar-rikors, ir-ragunijiet tal-appell u dawn jinsabu fir-raba' paragrafu tat-tieni faccata tar-rikors u t-tibdil tas-sentenza fl-ahhar paragrafu tas-sentenza.

Pero' jinghad li in effetti dan l-artikolu jista' jintuza biss mill-persuna li instabet hatja u cioe f'dan il-kaz Dennis Zammit kif fil-fatt ghamel meta itnavola l-appell tieghu numru 207/2019 deciz illum stess. Illi r-rikorrenti odjern ma setghax japprofitta ruhu minn din id-disposizzjoni tal-ligi peress li fil-konfront tieghu ma inghatat l-ebda sentenza u ghalhekk QATT ma setgha jinterponi umli appell u jitlob tibdil, revoka jew konferma ta' sentenza li inghatat fil-konfront ta' terz. Is-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Gunju 2019 fl-ismijiet il Pulizija vs Dennis Zammit taghmel stat biss fil-konfront ta' dan l-istess Dennis Zammit u fl-ebda hin ma torbot lir-rikorrenti odjern. Jekk addirittura r-rikorrenti hass ruhu aggravat b'dik is-sentenza kellu rimedji ohra izda **zgur** li mhux li jinterponi umli appell minnha. Fil-proceduri penali il-legislatur ma jipprospettax il-

possibilita' li terz interessat jista' jinterponi appell kif del resto hemm fi-ligi tal-Ippjanar una volta li jikkostitwixxi ruhu bhala parti interessata fil-proceduri.

Konsegwentement din il-Qorti qeda tiddikjara in-nulita ta' dan l-att u konsegwentemnt tastjeni milli tiehu konjizjzoni ulterjuri tieghu.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur